

Linji gwida

Li jispeċifikaw il-kriterji biex jiġu vvalutati l-każijiet eċċezzjonali meta l-istituzzjonijiet jaqbżu l-limiti ta' skopertura kbira tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u ż-żmien u l-miżuri għar-ritorn għall-konformità skont l-Artikolu 396(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.¹ F'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar il-mod kif id-dritt tal-Unjoni għandu jiġi applikat f'qasam partikolari. Jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti, kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-linji gwida, jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida jkunu indirizzati primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk ikunux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella r-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa (03.01.2022). Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati mill-EBA bħala mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-EBA lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2021/09". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jrin jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

¹ Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-linji gwida jispeċifikaw, f'konformità mal-mandat stabbilit fl-Artikolu 396(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-kriterji li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw biex jivvalutaw il-każijiet eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 396(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fejn awtorità kompetenti tippermetti lil istituzzjoni taqbeż il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Dawn il-linji gwida jiddeterminaw ukoll il-kriterji li l-awtoritajiet kompetenti għandhom jużaw biex jiddeterminaw iż-żmien xieraq biex istituzzjoni tirritorna għall-konformità mal-limiti ta' skopertura kbira tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat ir-ritorn f'waqtu għall-konformità ma' dawk il-limiti.
6. Barra minn hekk, dawn il-linji gwida jispeċifikaw informazzjoni addizzjonali li għandha tiġi pprovduta lill-awtorità kompetenti meta tirrapporta ksur tal-limitu ta' skopertura kbira skont l-Artikolu 396(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.

Kamp ta' applikazzjoni

7. Dawn il-linji gwida japplikaw fir-rigward tal-valutazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-każijiet eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 396(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. Japplikaw ukoll għal kif l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeterminaw iż-żmien meqjus xieraq għar-ritorn għall-konformità u l-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat ir-ritorn f'waqtu għall-konformità tal-istituzzjoni, inkluża s-sottomissjoni ta' pjan ta' konformità.
8. Dawn il-linji gwida ma japplikawx għall-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 395(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 sakemm l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fih.

Destinatarji

9. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti kif definit fil-punt (i) tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 u lill-istituzzjonijiet finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1093/2010.

Definizzjonijiet

10. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, it-termini użati u definiti fir-Regolament (UE) Nru 575/2013 u fid-Direttiva 2013/36/UE għandhom l-istess tifsira f'dawn il-linji gwida.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

11. Dawn il-linji gwida japplikaw mill-01.01.2022.

4. Każijiet eċċezzjonali ta' ksur tal-limiti ta' skopertura kbira, iż-żmien u l-miżuri għar-ritorn għall-konformità

12. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta meta jiġi rrapportat ksur tal-limiti ta' skopertura kbira tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-informazzjoni msemmija fit-Taqsima 4.2 u informazzjoni oħra disponibbli għall-awtorità kompetenti, l-awtorità kompetenti għandha twettaq valutazzjoni abbażi tal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima 4.1 ta' dawn il-linji gwida.
13. L-awtorità kompetenti għandha tinforma lill-istituzzjoni biż-żmien mogħti biex issolvi l-ksur tal-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, wara li tkun ivvalutat il-perjodu ta' żmien xieraq f'konformità mat-Taqsima 4.3 ta' dawn il-linji gwida.

4.1 Kriterji biex jiġu ddeterminati l-każijiet eċċezzjonali msemmija fl-Artikolu 396(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

14. Ksur tal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandu dejjem jiġi kkunsidrat bħala każ eċċezzjonali.
15. Sabiex tiġi vvalutata sitwazzjoni li fiha istituzzjoni tkun qabżet il-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, awtorità kompetenti għandha tevalwa mill-anqas l-aspetti li ġejjin:
 - a. Il-frekwenza u n-numru ta' ksur.
 - b. Predittività tal-ksur.
 - c. Raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-istituzzjoni li wasslu għall-inkapaċità li jiġi evitat il-ksur.

Il-frekwenza u n-numru ta' ksur

16. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk il-ksur tal-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 mill-istituzzjoni huwiex avveniment rari. Il-valutazzjoni għandha tqis kwalunkwe ksur preċedenti tal-istituzzjoni minħabba l-istess kawża, ikkawżat mill-istess avveniment jew li jikkonċerna l-istess klijent jew grupp ta' klijenti konnessi.
17. Jekk istituzzjoni tirrapporta t-tieni ksur matul l-aħħar 12-il xahar li jikkonċerna l-istess klijent jew grupp ta' klijenti konnessi bħall-ewwel ksur, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li l-avveniment ma jistax jikkwalifika bħala wieħed rari. Bl-istess mod, jekk istituzzjoni tirrapporta t-tieni ksur matul l-aħħar 12-il xahar li ġej mill-istess oriġini bħall-ewwel ksur, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li l-avveniment ma jistax jikkwalifika bħala wieħed rari.
18. Jekk, matul l-aħħar 12-il xahar, istituzzjoni tkun diġà rrapportat żewġ ksur tal-limiti ta' skopertura kbira li jikkonċernaw klijent differenti jew grupp ta' klijenti konnessi, huma

minħabba kawżi differenti jew ġew attivati minn avveniment differenti, l-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li kwalunkwe ksur ieħor għalkemm mhux relatat jista' ma jikkwalifikax bħala avveniment rari.

Predittività tal-ksur

19. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk il-ksur kienx ikun avveniment prevedibbli kieku l-istituzzjoni applikat ġestjoni tar-riskju xierqa u effettiva f'konformità mal-obbligi tagħha skont l-Artikolu 393 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u l-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna.²
20. L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra wkoll jekk l-istituzzjoni setgħetx tkun f'pożizzjoni li tantiċipa l-ksur billi tuża l-informazzjoni disponibbli.
21. F'każijiet fejn iseħħ ksur identiku jew simili ta' istituzzjonijiet oħra li jista' jiġi attribwit għall-istess kawża, l-awtorità kompetenti tista' tikkonkludi li l-ksur kien ikkawżat minn avveniment imprevedibbli.

Raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-istituzzjoni biex jiġi evitat il-ksur

22. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta jekk il-ksur kienx ikkawżat minn raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-istituzzjoni. Dan jista' mill-anqas jiġi preżunt fil-każijiet li ġejjin:
 - a. Tnaqqis mhux mistenni u sostanzjali tal-fondi proprji tal-istituzzjoni, inkluż minħabba l-impatt ta' avvenimenti ta' riskju operazzjonali maġġuri, bħal frodi esterna, diżastru naturali jew pandemija, li mhumiex marbuta ma' falliment tal-mekkaniżmi ta' kontroll intern tal-istituzzjoni.
 - b. F'każijiet fejn skopertura (kompletament jew parzjalment) eżentata ma tibqax eliġibbli għal eżenzjoni bħal din minħabba deċiżjoni ta' parti terza li ma setgħetx tkun antiċipata jew evitata mill-istituzzjoni.
 - c. Deċiżjoni tal-qorti jew deċiżjoni amministrattiva li twassal għal interpretazzjoni differenti tal-qafas regolatorju ta' skoperturi kbar applikabbli fejn l-istituzzjoni ma kellhiex biżżejjed żmien biex timplimentah b'tali mod li tipprevjeni ksur tal-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
 - d. Il-fużjoni ta' kontropartijiet/klijenti jew l-akkwisti bejn kontropartijiet/klijenti, iżda biss f'każijiet meta l-istituzzjoni ma kellhiex għarfien ta' jew ma setgħetx tantiċipa din il-fużjoni jew dan l-akkwist biex tipprevjeni ksur.
23. Ksur ikkawżat minn applikazzjoni mhux xierqa jew interpretazzjoni ħażina tal-qafas ta' skoperturi kbar ma għandux, b'mod ġenerali, jikkwalifika bħala raġuni barra mill-kontroll tal-istituzzjoni.
24. B'mod ġenerali, jekk l-awtorità kompetenti tikkonkludi li l-ksur ma jissodisfax il-kriterji speċifikati f'din it-taqsim, l-awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti perjodu itwal minn 3 xhur biex terġa' tikkonforma mal-limiti ta' skopertura kbira.

² Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna EBA/GL/2021/05.

4.2 Informazzjoni li għandha tingħata lill-awtorità kompetenti f'każ ta' ksur tal-limiti ta' skopertura kbira

25. Meta jiġi rrapportat il-valur tal-iskopertura li jaqbeż il-limiti ta' skopertura kbira tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 f'konformità mal-Artikolu 396(1) ta' dak ir-Regolament, u sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tiegħu mill-awtorità kompetenti, l-istituzzjoni għandha, mingħajr dewmien, tipprovdi mill-anqas l-informazzjoni li ġejja:
- l-ammont tal-eċċess u l-kobor tal-ksur fir-rigward tal-Kapital tal-grad 1;
 - l-isem tal-klijent ikkonċernat u, fejn applikabbli, l-isem tal-grupp ta' klijenti konnessi kkonċernat;
 - id-data tal-okkorrenza tal-ksur;
 - deskrizzjoni tal-kollateral disponibbli (anke jekk mhux eliġibbli għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu), jekk hemm;
 - spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għall-ksur;
 - azzjonijiet ta' rimedju diġà implimentati jew ippjanati; u
 - iż-żmien mistenni li jkun meħtieġ għar-ritorn għall-konformità mal-limiti ta' skopertura kbira.
26. L-awtorità kompetenti għandha titlob aktar informazzjoni u spjegazzjonijiet jekk ma tkunx sodisfatta li l-informazzjoni pprovduta hija ddettaljata biżżejjed biex tippermetti valutazzjoni komprensiva taċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-ksur.

4.3 Kriterji biex jiġi ddeterminat iż-żmien xieraq għar-ritorn għall-konformità mal-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

27. Wara l-valutazzjoni tal-ksur irrapportat mill-istituzzjoni f'konformità mat-Taqsima 4.2 ta' dawn il-linji gwida, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi iż-żmien xieraq għar-ritorn għall-konformità mal-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.
28. Awtorità kompetenti ma għandhiex tagħti istituzzjoni perjodu itwal minn 3 xhur biex issolvi ksur jekk tikkonkludi li l-ksur kien ripetittiv jew meta l-kobor tal-ksur ikollu l-potenzjal li jkollu impatt kbir fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni.
29. F'każijiet fejn awtorità kompetenti tiddeċiedi li tippermetti lil istituzzjoni perjodu itwal minn 3 xhur biex issolvi ksur u tirritorna għall-konformità mal-limiti stabbiliti fl-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, iż-żmien meqjus xieraq mill-awtorità kompetenti għandu jkun proporzjonat ma' restawr rapidu tal-limiti.
30. Fi kwalunkwe każ, iż-żmien għar-ritorn għall-konformità ma għandux ikun itwal minn sena. Eċċezzjonalment, fejn iċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-ksur u l-miżuri tal-pjan ta' konformità msemmija fit-Taqsima 4.4 jiġġustifikaw mod ieħor, l-awtorità kompetenti tista' tagħti perjodu itwal minn sena biex issolvi l-ksur. Madankollu, tali każijiet ma għandhomx ikunu n-norma.

31. Sabiex tiddeċiedi ż-żmien xieraq biex tirritorna għall-konformità, l-awtorità kompetenti għandha mill-anqas tikkunsidra l-elementi li ġejjin fil-valutazzjoni tagħha:

- a. ir-rekord ta' ksur tal-istituzzjoni;
- b. il-prontezza li tinnotifika dwar il-ksur;
- c. ir-raġuni(jiet) għall-ksur;
- d. in-natura sistemika, il-kumplessità u l-kobor tal-ksur;
- e. l-impatt possibbli fuq is-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-istituzzjoni;
- f. il-konċentrazzjoni ġenerali tar-riskju fil-portafoll bankarju tal-istituzzjoni fost kontropartijiet differenti;
- g. it-tip ta' klijent jew grupp ta' klijenti konnessi u l-affidabbiltà kreditizja tiegħu;
- h. il-miżuri diġà implimentati biex jissolva l-ksur.

Ir-rekord ta' ksur tal-istituzzjoni

32. L-awtorità kompetenti għandha tqis kwalunkwe ksur preċedenti mill-istituzzjoni u l-ambitu tal-miżuri adottati biex tirritorna għall-konformità f'dawk il-każijiet. F'każijiet ta' ksur ripetut, l-awtorità kompetenti għandha b'mod partikolari tivvaluta jekk il-ksur il-ġdid huwiex minħabba l-istess kawża bħal dak identifikat f'każijiet preċedenti.

Il-prontezza biex tinnotifika dwar il-ksur jew l-azzjonijiet ta' rimedju biex tirritorna għall-konformità

33. Jekk istituzzjoni tittardja bla bżonn in-notifika ta' ksur, l-awtorità kompetenti tista' tikkunsidra li tagħti lill-istituzzjoni skadenza iqsar biex tirritorna għall-konformità.

Ir-raġuni(jiet), jew in-natura ripetittiva, il-kumplessità u l-kobor tal-ksur

34. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta r-raġunijiet għall-ksur u tivvaluta l-punt fiż-żmien u l-materjalità li tħares 'il quddiem tal-impatt potenzjali fuq l-istituzzjoni.

35. L-awtorità kompetenti tista' teħtieġ u titlob informazzjoni addizzjonali meta l-kawżi tal-ksur ikunu kumplessi.

Is-sitwazzjoni finanzjarja ġenerali tal-istituzzjoni

36. L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra jekk il-konformità tal-istituzzjoni mar-rekwiżiti ta' kapital regolatorji (Proporzjon CET 1, Proporzjon ta' Grad 1, Proporzjon ta' Kapital Totali) hijiex ferm ogħla mil-livell minimu.

Il-konċentrazzjoni tar-riskju ġenerali fil-portafoll bankarju tal-istituzzjoni fost kontropartijiet differenti

37. L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-adeqwatezza tal-prattiki tal-immaniġġjar tar-riskju tal-istituzzjoni u l-approċċ tagħha għad-diversifikazzjoni.

It-tip ta' klijent u l-affidabbiltà kreditizja tiegħu

38. L-awtorità kompetenti għandha tqis it-tip ta' kontroparti u l-affidabbiltà kreditizja tagħha. Għandha tivvaluta jekk l-inadempjenza possibbli tal-klijent jew grupp ta' klijenti konnessi kkonċernat, jekk disponibbli, u t-telf konsegwenti, għandhomx il-potenzjal li jnaqqsu l-proporzjonijiet tal-kapital regolatorju taħt ir-rekwiżiti minimi.

Il-miżuri diġà implimentati biex jissolva l-ksur

39. L-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra l-miżuri diġà implimentati mill-istituzzjoni, speċjalment fid-dawl tal-fatt li wħud minn dawk il-miżuri jistgħu eventwalment jiffaċilitaw ritorn rapidu għall-konformità.

4.4 Miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat ir-ritorn f'waqtu għall-konformità tal-istituzzjoni mal-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013

40. Meta awtorità kompetenti tkun tat lil istituzzjoni perjodu itwal minn 3 xhur biex tirritorna għall-konformità mal-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjoni għandha tippreżenta pjan ta' konformità għal ritorn f'waqtu għall-konformità.

41. Il-pjan ta' konformità għandu mill-anqas jinkludi dan li ġej:

- a. arranġamenti biex titnaqqas l-iskopertura kkonċernata;
- b. miżuri biex jiżiedu l-fondi proprji tal-istituzzjoni, fejn meħtieġ;
- c. arranġamenti biex jissaħħaħ l-immaniġġjar tar-riskju intern u l-proċessi ta' kontroll;
- d. kwalunkwe emenda meħtieġa għall-politika ta' konformità tal-istituzzjoni;
- e. proċeduri xierqa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri; u
- f. skeda dettaljata għall-implimentazzjoni tal-miżuri, inkluża d-data maħsuba għar-ritorn għall-konformità.

42. Il-miżuri proposti minn istituzzjoni għandhom jinkludu deskrizzjoni ta' kwalunkwe riskju jew ostaklu prevedibbli għall-eżekuzzjoni effettiva u f'waqtha tal-pjan ta' konformità.

43. L-awtorità kompetenti għandha tivvaluta l-adegwatezza, is-suffiċjenza u l-fattibilità tal-miżuri biex tiżgura ritorn f'waqtu għall-konformità fuq bażi stabbli u kontinwa, u li l-perjodu ta' żmien dettaljat huwa xieraq u jista' jinkiseb.

44. Jekk l-awtorità kompetenti għandha xi tħassib materjali fir-rigward tal-miżuri, għandha tinforma minnufih lill-istituzzjoni.

45. L-istituzzjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti immedjatament f'każ li wħud mill-miżuri previsti ma jistgħux jinkisbu kif ippjanat. L-awtorità kompetenti għandha tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-miżuri biex taċċerta r-ritorn effettiv u f'waqtu għall-konformità. B'mod partikolari, għandha tissorvelja jekk l-oġġettivi intermedji differenti humiex kompletament milfuqa. Jekk l-istituzzjoni tonqos milli tikseb xi wieħed minn dawk l-oġġettivi intermedji, l-awtorità kompetenti għandha titlob lill-istituzzjoni tindirizza dawn in-nuqqasijiet b'mod xieraq.

46. Il-frekwenza u l-intensità tal-monitoraġġ tal-awtorità kompetenti għandhom ikunu adegwati u proporzjonali għall-kawża u d-daqs tal-ksur, l-impatt potenzjali tiegħu fuq l-istituzzjoni u l-ispeċifità jiet tal-pjan ta' konformità u l-miżuri meħuda matul perjodi ta' anqas minn 3 xhur. Għandha tikkunsidra wkoll l-evoluzzjoni tal-iskopertura(i) kkonċernata(i), ibbażata(i) fuq informazzjoni regolari pprovduta mill-istituzzjoni. Kull meta jkun meħtieġ, l-awtorità kompetenti għandha titlob informazzjoni addizzjonali.
47. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi u tikkomunika jekk l-istituzzjoni għandhiex twettaq awditjar intern jew estern rigward il-proċessi ta' kontroll intern u ta' ġestjoni tar-riskju, li r-riżultati tagħhom għandhom jiġu kkomunikati kemm lill-korp maniġerjali tal-istituzzjoni kif ukoll lill-awtorità kompetenti.
48. L-awtorità kompetenti għandu jkollha fis-seħħ proċedura standard u dokumentata bi struzzjonijiet ċari li jiddeskrivu l-passi meħtieġa biex tissorvelja li l-istituzzjonijiet li jkunu nnotifikaw ksur jirritornaw għall-konformità fil-ħin.
49. F'konformità mal-Linji Gwida tal-EBA dwar il-Governanza Interna, l-istituzzjonijiet għandhom jiżguraw li l-korp maniġerjali tagħhom jissorvelja u jimmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri meħuda li jiżguraw ritorn xieraq u f'waqtu għall-konformità bil-limiti tal-Artikolu 395(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.